# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar il-Erbgha 27 ta’ Jannar, 2016

**Talba Nru: 438/2015 DMA**

**Vodafone Malta Limited**
**C 10865**

**Vs**

**Steven Charles Kelly**
**(ID. 39291M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, hames mija u erbgha u sittin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,564.42) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici  ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. VF 1'.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjanti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut ipprezenta risposta u eccepixxa l-intimat jitlob bir-rispett illi t-talbiet attrici jincahdu ghal kollox bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' aghlxiex:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. L-intimat mhux debitur tal-attrici, fl-ebda ammont;

3. L-intimat ma inghata ebda servizz mill-attrici in rigward ghall-ammont reklamat;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

It-Tribunal semgha iz-zewg partijiet fejn is-socjeta' attrici spjegat kif waslet ghall-kont u l-ammont mitlub fil-kawza. Spjegat ukoll it-termini ta' kif twaqqaf kuntratt x'inhu pero' le dawn it-termini ma ngiebet ebda prova.

Il-konvenut minn naha tieghu jispjega illi hu kien qed jikkommunika ma Gabriella Coppini fuq il-complaint tieghu u li xtaq jittermina l-kuntratt.

Fil-Fehma tat-Tribunal u kif jirrizulta mix-xhud tas-socjeta' attrici wara li persuna tieqaf thallas jithallsu sitt xhur u s-servizz jitwaqqaf kompletament u ssusegwentament jieqaf il-billing. F'dan il-kaz ma sehhitx hekk ghalxiex il-konvenut ma nqabadx mis-sistema.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi la darba naqset is-socjeta' attrici li twaqqaf is-servizz, il-konvenut ma ghandux ibati spejjez wara dawn is-sitt xhur tenut kont tal-fatt ukoll illi jidher car mill-kontijiet illi l-konvenut ma uzax il-mobile jew il-linja.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi illi l-konvenut ghad ihallas sa Frar 2013 meta kien jitwaqqaf s-servizz kieku inqabbad mis-sistema.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' it-talba attrici limitatament fl-ammont ta' mitejn sebgha u tmenin ewro u sitt centezmi (€287.06) u tikkundana lill-konvenut ihallas din is-somma lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici peress illi ma ngiebet ebda prova illi l-konvenut kien gie mgharraf b'kontijiet li kellu pendenti mis-socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**